**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Gunju, 2020

Rikors Numru: 216/2012 AL

**G sive G B**
**f'ismu proprju kif ukoll**
**bħala kruatur ad litem ta' uliedu C D u E F B**

**Vs**

**A B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fl-24 ta' Settembru, 2012, li permezz tiegħu l-attur ippremetta:[1]

[1] Ara fol. 1-9 tal-proċess numru 216/12AL.

*Illi l-kontendenti kkuntrattaw iż-żwieġ bejniethom f'Malta fid-9 ta' Settembru, 2001 u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat Dok. A.*

*Illi miż-żwieġ tagħhom il-kontendenti kellhom zewġt ulied u ċioe` wild wieħed C D u l-ieħor E F li twieldu rispettivament fit-28 ta' Lulju, 2002 u fid-9 ta' Jannar, 2008 u dan kif jidher miċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok. B u Dok. Ċ;*

*Illi l-intimata mingħajr ebda raġuni valida telqet lir-rikorrenti, rrendiet ruħha ħatja lejn ir-rikorrenti ta' eċċessi, inġurji u adulterju u inoltre illum iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet ser jiġi imputabbli lill-intimata;*

*Illi l-intimata mhiex qed tieħu hsieb lil ulied il-kontendenti waqt li dawn ikunu magħha;*

*Illi jkun fl-aħjar interess ta' ulied il-kontendenti illi l-kura u l-kustodja tagħha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti jew mod ieħor skont kif jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi kif jidher minn kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata Dok. D, dina l-Qorti b'digriet tal-1 ta' Awwissu, 2012 ddikjarat magħluqa l-medjazzjoni mibdija b'ittra numru 1386/11 u awtorizzat lill-kontendenti jipproċedu skont il-liġi, u għalhekk l-esponenti qed jistitwixxi din il-kawza;*

*Illi sa mill-2011 l-intimata bla ebda raġuni telqet mid-dar matrimonjali ossia 141, Carmela Flats, Appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk li tappartjeni eskluzivament lir-rikorrenti proprio;*

*Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*Talab għalhekk li l-konvenuta tgħid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimata għar-raġunijiet imputabbli lill-intimata kif ukoll minħabba eċċessi, inġurji u adulterju da parti tal-intimata u inoltre minħabba li illum iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment għar-1ċraġunijiet serji imputabbli lill-intimata;*

2. *Tiddikjara li l-intimata taħti ghas-separazzjoni personali u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tistabilixxi d-data meta l-istess intimata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda.*

3. *Tafda f'idejn ir-rikorrenti l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija minuri C D u E F u tistabilixxi l-ħinijiet ta' aċċess lill-kontendenti ghall-imsemmija ulied, u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fl-aħjar interess tal-istess ulied;*

4. *Ixxolji, jekk ikun il-kaz, il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

5. *Tillikwida, jekk ikun il-kaz, l-istess komunjoni tal-akkwisti skont il-liġi u taqsamha f'zewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-data tal-akkwisti tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Qorti bħala d-data meta l-istess intimata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda b'tali mod illi jekk ikun il-kaz l-intimata titlef kull jedd li għandha għal nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila tar-rikorrenti;*

6. *Tassenja dawn iż-żewġ porzjonijiet waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimata okkorrendo bin-nomina ta' perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' nutar biex jippubblika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*

7. *Tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tikkonsenja lir-rikorrenti l-oggetti kollha parafernali tar-rikorrenti u fin-nuqqas tigi kkundannata tħallas lir-rikorrenti l-valur taghhom kif jiġi likwidat okkorrendo minn perit nominandi;*

9. *Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili u tagħti lir-rikorrenti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

10. *Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti għal uliedu minuri C D u E F dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti bil-modalita ta' ħin, lok u jum ta' ħlas li dina l-Qorti tistabilixxi;*

11. *Tordna illi r-rikorrenti ikollu d-dritt esklussiv illi jirrisjedi fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk li jappartjeni esklussivament lir-rikorrenti prorprio;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru 268/2011 u tal-mandat ta' inibizzjoni /11 kontra l-intimata illi hija nġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet:[2]

1. *Illi l-esponenti taqbel li għandu jkun hemm is-separazzjoni bejn il-partijiet pero` t-tort huwa esklussivament ta' G sive G B;*

2. *Ukoll Il-htija tal-firda hija tar-rikorrenti u mhux tal-intimata;*

3. *Illi r-rikorrenti mhuwiex kapaċi jiehu ħsieb it-tfal u gja ġew stabbiliti l-aċċess;*

4. *Illi l-esponenti taqbel li għandu jiġi xjolt l-komunjoni tal-akkwisti;*

5. *Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi maqsuma pero r-rikorrenti ghandu jitlef in-nofs minħabba li z-zwieg tfarrak tort tiegħu;*

6. *Illi l-esponenti taqbel ma din it-talba;*

7. *Illi l-esponenti ma għandha ebda oggezzjoni li r-rikorrenti jieħu l-affarijiet tiegħu parafernali;*

8. *Illi se mai d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati kontra r-rikorrenti;*

9. *Illi l-manteniment ġja huwa stabbilit temporanjament u għandu jkun stabbilit għal dejjem favur l-esponenti stante li hi għandha l-kura u l-kustodja effettiva tat-tfal minuri;*

[2] *Ibid.* fol. 29-30.

10. *Illi l-esponenti kellha titlaq mill-fond matrimonjali minħabba swat da parti tar-rikorrenti u se mai hija l-esponenti li ghandha tirrisjedi esklussivament fil-fond 141, Carmela Flats, appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk;*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat illi din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi, bir-rikors ġuramentat enumerat 214/12 AL, li ukoll jitratta s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u l-effetti konsegwenzjali;

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2012,[3] fejn ġie ordnat illi l-provi li jinstemgħu fil-kawza odjerna jkunu jagħmlu stat ta' prova fil-kawza l-oħra bin-numru 214/12 AL u viċi versa;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati u d-dokumenti magħhom annessi;

Rat il-verbali, ix-xiehda prodotta u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Abigail Critien;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Abigail Critien, debitament maħluf nhar is-16 ta' Mejju 2018;[4]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' G B, *qua* attur;[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A B, *qua* konvenuta;[6]

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI:

Il-Qorti tirrileva illi l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi

[3] *Ibid.* fol. 31.
[4] *Ibid.* fol. 112-168.
[5] Ara fol. 525-538 tal-proċess numru 214/12AL.
[6] *Ibid.* fol. 539-545.

rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern.

Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha u dan partikolarment fid-dawl tad-domandi in eskussjoni, in-noti ta' sottomissjonijiet u t-trattazjonijiet finali.

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment, għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenuta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tinnota illi l-attur f'din il-kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet qiegħed jaġixxi f'ismu proprju u f'isem uliedu minuri C D u E F, aħwa B. Jiġi nnotat ukoll illi għalkemm ma' hemm l-ebda kontro-talba da parti l-intimata, jidher illi din il-kawza ġiet intavolata nhar l-24 ta' Settembru 2012, u ċjoe' erbat ijiem wara li l-konvenuta A B kienet ipprezentat kawza għas-separazzjoni personali minn ma' zewġha G sive G B nhar l-20 ta' Settembru 2012, liema azzjoni għandha n-numru 214/12 AL. Għaldaqstant il-Qorti kienet tal-fehma illi ikun idoneju li z-zewġ azzjonijiet jimxu flimkien u l-provi imresqa mill-partijiet ikunu jikkostitwixxu stat ta' prova fiz-zewġ kawzi;

Issir referenza għar-rikors promotur u n-nota ġuramentata li permezz tagħha l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:[7]

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, eċċessi, u inġurji gravi;

2. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

[7] Ara fol. 1-9 u 22-27 tal-proċess numru 216/12AL.

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri C D u E F, aħwa B;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Tordna lill-konvenuta sabiex tassenjalu l-propjeta' u oġġetti parafernali tiegħu;

6. Tordna li l-attur ikollu d-dritt esklussiv li jgħammar fid-dar taż-żwieġ, ad eskluzjoni tal-konvenuta;

Min-naħa l-oħra l-konvenuta, filwaqt li tiddikjara l-qbil tagħha mat-talba għas-separazzjoni personali, tiċħad dak attribwit lilha u ssostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attur fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16;

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*2.1. <u>Il-Verzjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenuta</u>*

Fin-nota ġuramentata tiegħu, l-attur jispjega illi wara li huwa qabad lil martu tikkorrispondi ma' irġiel oħra, liema korrispondenza tindika relazzjoni intima, din telqet bit-tfal mid-dar matrimonjali. Huwa jispjega ukoll li din ma kienetx l-ewwel darba li huwa qabad lil martu f'tali imġieba izda huwa dejjem għazel li jaħfrilha.

Fl-affidavit tiegħu G sive G B jgħid illi nhar it-22 ta' Awwissu 2011 skopra illi martu kellha komunikazzjoni ma' ċertu J K. Huwa jispjega illi martu kienet qiegħda tibgħat u tirċievi messaġġi tramite t-telefon ċellulari tagħha u in sostenn ta' dan huwa jesebixxi numru ta' messaġġi.[8] Sussegwentament, huwa ffaċċja lil martu dwar l-imsemmija messaġġi u

[8] Ara fol. 314-322 tal-proċess numru 214/12AL.

nhar il-24 ta' Awwissu 2011 permezz ta' messaġġ, hija talbet lill-attur sabiex jaħfrilha u hu hekk għamel.[9]

Wara l-episodju hawn fuq imsemmi, l-attur u l-konvenuta marru btala fuq *cruise* flimkien ma' uliedhom. Meta ġew lura, l-attur sab telefon ċellulari li fih kien hemm biss ħames (5) kuntatti kollha mnizzla taħt laqmijiet differenti. L-attur jgħid illi dan it-telefon ċellulari kien jappartjeni lil konvenuta, fejn din tal-aħħar spjegatlu illi dan it-telefon ċellulari ngħata lilha mill-kumpanija li magħha kienet taħdem. L-attur ikompli jispjega li ftit wara l-konvenuta biddlet il-verzjoni u saħqet illi t-telefon ċellulari tahulha ċertu L M li kien kollega tagħha fuq ix-xogħol. Pero' skont l-attur dawn il-verzjonijiet ftit li xejn kienu jagħmlu sens ġialadarba fit-telefon ċellulari ma kien hemm l-ebda messaġġ jew telefonata relatati max-xogħol. Wara din l-okkazjoni, dan it-telefon ċellulari ma reġax deher.

Għal ħabta ta' Ottubru 2011, l-attur jispjega li seħħ episodju ieħor fejn martu marret iddaħħal il-karozza fil-garaxx izda kienet damet iktar mis-soltu u b'hekk huwa mar jara jekk kienx ġralha xi ħaġa. Madanakollu, huwa sab lil konvenuta tibgħat messaġġ b'telefon ċellulari. Minkejja li huwa talabha ttih it-telefon ċellulari, hija rrifjutat. Madanakollu huwa rnexxielu jieħdu u kien f'pozizzjoni li jara l-uniku messaġġ li kien hemm fit-telefon ċellulari, liema messaġġ kien mibgħut minnha stess u kien jaqra *"għada tiġix għax mhux ser inkun waħdi"*. L-attur jispjega li fil-mument li ħa t-telefon ċellulari minn għand martu, huwa kien f'pozizzjoni li jara li t-telefon ċellulari in kwistjoni kien l-istess wieħed li huwa skopra wara li kienu ġew lura mill-btala. Magħdud ma' dan l-attur jiċħad b'mod kategoriku li sabiex huwa ħa f'idejh it-telefon ċellulari kien refa' idejh fuqha. L-attur ikompli billi jgħid li huwa dlonk telaq għand il-ġenituri tiegħu u sussegwentament huma akkumpanjawh lura d-dar sabiex flimkien jikkonfrontaw lil konvenuta. Madanakollu mal-wasla tagħhom id-dar, huma sabu l-bieb tad-dar beraħ u l-konvenuta mhux hemm. Hekk kif ċemplilha biex jara fejn marret, hija wieġbet illi marret għand il-ġenituri tagħha u huwa mar hemmhekk sabiex ikellimha. Pero' l-attur jisħaq illi l-hekk kif wasal għand il-ġenituri tagħha, hija qaltlu li riedet il-liberta'.

Dakinhar stess filgħaxija, il-konvenuta marret tiġbor xi affarijiet mid-dar matrimonjali u saqsietu sabiex jagħtiha lura t-telefon ċellulari.

[9] *Ibid.* fol. 325.

Madanakollu l-attur jgħid li huwa rrifjuta jagħmel dan u għaldaqstant hija ċemplet lil Pulizija. Hekk kif ġew il-Pulizija, l-attur jirrakonta illi huwa ma kellux għazla ħlief li jagħtiha lura t-telefon ċellulari. Jispjega ukoll li fil-mument li kien hemm il-Pulizija prezenti, il-konvenuta ma rrappurtat l-ebda allegat swat u vjolenza da parti tiegħu.

Wara dan l-episodju fl-aħħar ta' Ottubru 2011, l-attur jgħid li l-konvenuta qatt ma reġgħet marret lura d-dar matrimonjali u minn wara tali data huwa baqa' jgħix waħdu hemmhekk. Minkejja li l-konvenuta qatt ma rritornat id-dar, l-attur jgħid illi hu u martu kienu bdew imorru għand il-psikoterapista Ms Joyce Sciberras u għal darb' oħra l-konvenuta naqset milli ssemmi l-allegata vjolenza fil-konfront tagħha pperpetrata mill-attur stess.

In kontro-ezami l-attur jinnega li kellu u/jew għandu relazzjoni ma' O P. Huwa jispjega li O P hija kollega tiegħu u ħabiba, li tgħix mar-raġel tagħha.[10]

## 2.2. *<u>Verzjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet tal-Attur</u>*

Min-naħa tagħha, A B permezz tar-risposta ġuramentata tagħha, tattribwixxi t-tort għat-tkissir taz-zwieġ lil żewġha. Fl-imsemmija risposta ġuramentata, il-konvenuta ma tispeċifikax b'mod dirett abbazi ta' liema ħtijiet hija tattribwixxi r-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ lil G B. Madanakollu, mill-affidavit[11] u n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tagħti x'tifhem li r-raġunijiet għat-tifrik taz-zwieġ huma dawk elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, b'mod partikolari, moħqrija, theddid u offizi gravi, liema ħtijiet huma imputabbli lil zewġha.

Fl-affidavit tagħha A B tispjega illi G kien ibagħti minn *depression*, li skontha din kienet qabditu meta l-ġenituri tiegħu kienu qalulu li n-nannu kien jinsab f'saħħa tajba u kien ħiereġ mill-isptar, meta fil-verita' in-nannu kien diġa' mejjet. A B tispjega li għal tali fini, missierha H I kien ġab lil G konsulenta d-dar stess sabiex jgħinuh. Skont A, hija kienet konvinta li G kien fieq mid-*depression* li kienet ħakmitu. L-istess ġie kkonfermat minn H I, missier A B, fl-affidavit tiegħu,[12] fejn kompla jtenni li lil G kien jistmah

[10] *Ibid.* fol. 440.
[11] *Ibid.* fol. 349-411.
[12] *Ibid.* fol. 412-414.

daqslikieku kien ibnu tant li kien anke impjegah miegħu fl-istamperija li kellu dak iz-zmien.

A B kompliet tispjega fl-affidavit tagħha illi fil-bidu taz-zwieġ tagħha ma' G, il-ħajja mizzewġa tagħhom kienet tajba. Tattribwixxi t-tort tal-intoppi zgħar li kien ikollhom fil-bidu taz-zwieġ lil ġenituri ta' G għaliex dawn skontha kienu jindaħlu ħafna. Hija kompliet billi issottolinejat illi maz-zmien il-karattru ta' G beda ħiereġ, tant li tgħid li *"iktar ma beda jghaddi zmien G kien sar ikun aggressiv, arroganti, pussessiv u ma kienx ihallini nghix"* u tkompli billi tagħti numru ta' ezempji sabiex tissostanzja dak li rrilevat fl-affidavit. Tispjega ukoll li s-sitwazzjoni ggravat ferm ftit qabel ma twieled l-izgħar minuri. Fil-fatt hija tirrakonta li kull darba li hija kienet tittenta turih li qiegħed jizbalja, huwa ma kienx jirrikonoxxi l-izbalji tiegħu anzi kien jheddida li kien ser jiftaha f'*wheelchair* jew joqtolha.

Ġie spjegat ukoll li tali attitudni da parti ta' zewġha ma kienetx biss fil-konfront tagħha izda anke fil-konfront ta' uliedhom. Għal darb' oħra, A B telenka numru ta' ezempji fejn tallega li zewġha kien aggressiv, arroganti u pussessiv magħhom ukoll. Hija tispjega li zewġha jinsab fi grad li ma huwiex kapaċi jieħu ħsieb lil uliedhom u dan in vista tal-fatt li huwa aggressiv u vjolenti.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tosserva li għalkemm il-partijiet jaqblu li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, għandu jingħad li ma hemmx qbil dwar ir-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, stante li z-zewġ partijiet qegħdin jattribwixxu r-responsabbilita' in kwistjoni lil parti l-oħra.

### *2.3. <u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabbilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

#### *2.3.1. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi</u>*

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson,**[13] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[14] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[15] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta*

[13] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef H C. I nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[14] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[15] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef H C. I fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[16] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[17] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[18]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[19]

## *2.3.2. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[20] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[21].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[22] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

[16] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[17] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[18] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[19] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[20] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[21] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[22] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

### 2.3.3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u illi konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attur jikkontendi li illi z-zwieġ tiegħu falla b'mod partikolari minħabba l-adulterju da parti ta' martu. Dan jiġi ppruvat permezz ta' numru ta' messaġġi li ġew mibgħuta u riċevuti mill-konvenuta u persuna li miegħu kellha relazzjoni extra-maritali. Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tisħaq illi z-zwieġ tkisser stante l-karattru diffiċli ta' zewġha, li ġie deskritt bħala aggressiv, arroganti, pussessiv u vjolenti. Hija ssostni li l-inċident tat-telefon ċellulari, fejn zewġha allegatament refa' jdejh fuqha, kienet ukoll raġuni oħra għaliex hija telqet mid-dar matrimonjali.

Il-Qorti hija moralment konvinta illi l-konvenuta kellha relazzjoni extra-maritali. Dan qiegħed jingħad għaliex il-Qorti ssib kredibbli u sodisfaċenti l-verzjoni tal-attur u l-provi mressqa minnu, ċjoe': (i) Il-messaġġi ezebiti mill-attur jagħtu x'tifhem li r-relazzjoni li kellha l-konvenuta ma hijiex waħda platonika, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li tnejn min-nies jistqarru imħabbithom lejn xulxin u jagħtu l-kelma li jibqgħu flimkien għal dejjem, (ii) id-dokument maħruġ minn Vodafone Malta Ltd li jistabbilixxi l-frekwenza tal-komunikazzjoni bejn il-konvenuta u l-maħbub, li kienet ta' kuljum, u (iii) id-dikjarazzjoni tal-attur li b'għajnjeh stess ra l-messaġġ *"għada tiġix għax mhux ser inkun waħdi*" meta huwa ħa t-telefon ċellulari minn għand il-konvenuta. Dawn il-provi ma jħallu l-ebda dubju li l-konvenuta kellha kunfidenzi zejda ma' persuna oħra li ma kienetx zewġha.

Fil-fehma tal-Qorti, huwa kemmxejn stramb illi l-konvenuta ma kkontestatx il-messaġġi ta' mħabba u wegħdiet fil-fazi tal-provi quddiem il-Perit Legali. Hija sempliċiment saħqet fl-affidavit tagħha illi *"vera li kont bghadt xi messaġġi imma mhux ghal skopijiet li qed jghid G".* Madanakollu, il-Qorti tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta tgħid illi hija qatt ma kkomettiet adulterju u tkompli billi tisħaq illi ma hemm l-ebda prova kontra tagħha li tistabbilixxi dan. Minkejja tali sottomissjoni, il-Qorti terġa' ittenni

illi ssibha ferm diffiċli li temmen lill-konvenuta u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi: (i) ma pprovdiet l-ebda prova li tikkontradixxi l-provi mressqa mill-attur, (ii) tikkonferma li hija riedet it-telefon ċellulari f'idejha għaliex *"kont ghajjejt bl-attitudni tieghu u ridt nibda nghix hajti"*.

Illi mill-provi prodotti jidher ċar illi l-problema bejn il-partijiet hija dik ta' fedelta'. L-attur baqa' jipprova jsalva z-zwieġ tiegħu, filwaqt li l-konvenuta baqgħat għaddejja bl-adulterju minkejja li talbet lil zewġha sabiex jaħfrilha. L-attur iddikjara fin-nota ġuramentata tiegħu, illi din ma kienetx l-ewwel darba li kien qabad lil konvenuta f'tali għaġir, madanakollu huwa dejjem ħafrilha. L-istess ġara meta f'Awwissu 2011 huwa kien qabad lil konvenuta tibgħat u tirċievi messaġġi amoruzi, u wara li l-konvenuta kienet talbitu sabiex jaħfrilhom, huwa hekk għamel u kompla bil-ħajja tiegħu mizzewġa. Għalkemm l-attur qatt ma pprova l-allegazzjonijiet tiegħu ta' dawk l-episodji ta' adulterju passati li tagħhom huwa ħafer lill- konvenuta, għajr għal dak l-episodju ta' adulterju li seħħ f'Awwissu 2011 li ġie ppruvat minnu, il-konvenuta ma resqet l-ebda prova kredibbli li biha tikkontesta u/jew tikkontradixxi l-verzjoni tal-attur li tnissel fil-Qorti konvinċiment morali illi hija verament qatt ma wettqet adulterju.

L-episodju tat-telefon ċellulari kien wieħed kruċjali li kisser għal kollox ir-relazzjoni u z-zwieġ tal-partijiet, liema relazzjoni kienet għal zmien twil imxelfa. Dan bil-konsegwenza li fil-prezent ma tezistix xrara ta' tama jew possibilita' ta' rikonċiljazzjoni. Hawnhekk tispikka l-verzjoni kunfliġġenti tal-partijiet fir-rigward tal-allegata vjolenza fuq il-persuna tal-konvenuta. Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-attur, dik tal-konvenuta, flimkien maċ-ċertifkat maħruġ mid-Dipartiment tal-Kura Primarja[23] u r-ritratti esebiti mill-konvenuta,[24] tirrileva li ma hijiex moralment konvinta li l-attur huwa persuna vjolenti u aggressiv. Huwa minnu li l-konvenuta ssemmi diversi istanzi fejn tagħti x'tifhem illi l-attur huwa hekk kif deskritt minnha, madanakollu tonqos sew milli tikkorrabora l-istess. Il-Qorti tinnota illi l-konvenuta serjament tonqos milli tipprova bi provi sodisfaċenti l-karattru vjolenti tal-attur u magħdud ma' dan hija tonqos ukoll li tesebixxi xi rapporti magħmula minnha mal-Pulizija tul iz-zmien li damet mizzewġa lil attur, fejn b'mod inekwivoku tistabilixxi li hija verament kienet qiegħda tibza' għal ħajjitha u għal dik ta' uliedha. Naqset

[23] Ara fol. 361 tal-proċess numru 214/12AL.
[24] *Ibid.* fol. 362-364.

ukoll, u dan minkejja li kellha kull fakolta', li ttella' bħala xhud lil Ms Joyce Sciberras sabiex bħala psikoterapista titkellem dwar il-karattru tal-attur.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-episodju hawn fuq imsemmi kien wieħed ta' rabja u dispjaċir, iddominat minn elementi ta' persistenza da parti l-attur u rezistenza da parti l-konvenuta. Min-naħa waħda għandek lil attur li sforz episodji passati ried li jara x'kienet qiegħda tagħmel martu bit-telefon ċellulari, filwaqt li min-naħa l-oħra għandek lil konvenuta li kienet konsapevoli li kienet qiegħda titradixxi lil zewġha u b'hekk ma riditx li huwa jiskopri mill-ġdid bir-relazzjoni extra-maritali tagħha. Għalkemm dan l-episodju partikolari jista' jiġi deskritt bħala wieħed mhux daqstant ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistgħax jiġi meqjus bħala episodju ta' theddid u vjolenza. Il-konvenuta tonqos milli tipprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-attur huwa verament u konistentament raġel aggressiv, possessiv, arroganti u vjolenti. Il-Qorti pjenament taqbel mal-osservazzjoni tal-Perit Legali fejn tirrileva li ssibha ferm diffiċli li temmen lil A B li ma qalet xejn lil Pulizija meta dawn marru fuq il-post sabiex jgħinuha tieħu lura fil-pussess tagħha t-telefon ċellulari. Il-Qorti tinnota li fl-affidavit tal-attur u tal-konvenuta ssir indikazzjoni ta' min kien il-Pulizija li attenda fuq il-post sabiex jassisti fl-għoti tat-telefon ċellulari, u ċjoe' PC 1278. B'hekk tali Pulizija seta' faċilment jittella' jixhed sabiex jikkonferma verzjoni jew oħra tal-partijiet. Madanakollu, fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, dan l-episodju in kwistjoni jista' biss jiġi kkunsidrat bħala att singolari u izolat.

Illi ma hemmx dubju f'għajnejn il-Qorti illi l-konvenuta hija ħatja ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili u huwa proprju minħabba tali adulterju li z-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli. Huwa għib għal-persuna mizzewġa li tkisser lil konjuġi tagħha mentalment billi tisħaqlu li trid il-liberta' sabiex tgħix kif jogħġob lilha, tirrezisti li turi t-telefon ċellulari tant li taħbih minnu u tibgħat messaġġi ta' mħabba lil terza persuna. Għaldaqstant ma hemmx dubju ukoll li l-konvenuta hija ħatja ta' inġurji gravi fil-konfront ta' zewġha ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex minkejja li l-attur ipprova jagħti ċans ieħor lil martu sabiex isalva z-zwieġ tagħhom, bil-moħbi tiegħu hija kompliet bil-ħajja adultera tagħha. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi rigward eċċessi fil-konfront tal-attur, dawn ma ġewx minimament ippruvati. Ma hemm l-ebda prova li turi li l-attur kien jinsab fil-periklu, liema perikolu ġie maħluq mill-konvenuta.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenuta, kif irrakkontat mill-attur u rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli. Jidher illi dakinhar tal-inċident tat-telefon ċellulari, il-konvenuta għazlet li ttemm ħesrem iz-zwieġ tagħha billi telqet mid-dar matrimonjali tant li qatt ma rritornat lura. Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija unika tal-konvenuta li rrendiet lilha nnifisha ħatja ta' adulterju u inġurji gravi fil-konfront tal-attur abbazi tal-Artikoli 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti hija tal-fehma li d-data demarkata bħala d-data minn mindu A B ddekadiet u għandha tinzamm responsabbli għat-tifrik taz-zwieġ hija l-31 ta' Ottubru 2011 u ċjoe' d-data meta seħħ l-inċident tat-telefon ċellulari u hija telqet mid-dar matrimonjali għal dejjem.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenuta

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tagħha, il-konvenuta tgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attur.

Il-firda personali motivata mill-adulterju, bħalma huwa l-każ odjern, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[25]

[25] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Illi f'każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' adulterju u inġurji gravi fil-konfront tal-attur. Fuq talba tal-attur sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 u Artikolu 51 iċċitati, il-Qorti, ladarba sabet il-ħtija tal-adulterju u inġurji gravi, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attur f'dan ir-rigward.

## 4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri

Illi miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' C D B imwielda nhar it-28 ta' Lulju 2002 u E F imwieled nhar id-9 ta' Jannar 2008.[26] Dan ifisser illi fil-prezent C D B għandha sbatax-il sena (ħa tagħlaq tmintax-il sena f'Lulju li ġej), filwaqt li E F B għandu tnax-il sena.

Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ġew regolati permezz tad-digiret datat 6 ta' Frar

[26] Ara fol. 8 u 9 tal-proċess numru 216/12AL.

2012[27] u dak datat 20 ta' April 2012[28], liema digrieti ingħataw wara l-intavolar tar-rikorsi ta' nhar il-15 ta' Diċembru 2011 u t-22 ta' Marzu 2012, rispettivament. Permezz ta' dawn iz-zewġ digieti l-Qorti ppronunzjat ruħha *pendente lite* fejn ordnat illi *"l-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment ghaz-zewg uliedu s-somma ta' €350 fix-xahar oltre l-ispejjez medici u edukattivi, dan l-ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga u jintbaghat lir-rikorrenti fl-indirizz residenzjali taghha jew depozitu bankarju indikat minnha"* u *"l-modalita' ta' l-access proposta mill-intimat fl-ittra tieghu tat-13 ta' Marzu 2012 hija accettabbli fl-interess tat-tfal, il-Qorti taddotta l-modalita' proposta mill-intimat fl-imsemmija ittra taht il-parti ta' 1(a) sa (e), salv l-access ta' nhar ta' Erbgha matul iz-zmien ta' l-iskola ghandu jestendi sat-8:00pm u mhux sad-9:00pm"*. Il-Qorti tosserva li minkejja li fir-rikors tat-22 ta' Marzu 2012[29] A B talbet lil Qorti sabiex *pendente lite* tafdalha f'idha l-kura u kustodja tal-minuri, id-digriet tat-20 ta' April 2012 ma jsemmi xejn rigward dan u b'hekk il-kura u kustodja tal-minuri, *pendente lite*, għaddiet b'mod awtomatiku f'idejn l-omm stante li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni da parti l-missier hekk kif jixhed id-dokument anness mar-risposta tiegħu għall-imsemmi rikors.[30]

### *4.1. <u>Il-Kura u l-Kustodja tal-Minuri</u>*

Fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota illi l-verzjoni tal-attur fir-rigward tal-kura u kustodja hija waħda kunfliġġenti. Fir-rikors promotur tiegħu huwa jitlob lil Qorti sabiex sabiex tafdalu f'idejh il-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li tagħti aċċess adegwat lil ommhom taħt dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti tara xierqa fiċ-ċirkostanzi. Fl-istess rikors, l-attur ikompli jallega illi l-kura u kustodja għandha tkun esklussivament f'idejh in vista tal-fatt illi *"l-intimata mhiex qed tiehu hsieb lill-ulied il-kontendenti waqt li dawn ikunu maghha"*.[31] Magħdud ma' dan, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għan-nota ġuramentata tiegħu, fejn iddikjara illi *"l-esponenti jidhirlu illi fl-ahjar interess tat-tfal din (il-kura u kustodja) ghandha tkun f'idejh u dan minhabba imgieba ricenti li l-intimata uriet ma' uliedha"*.[32] Min-naħa l-oħra

[27] Ara fol. 18 tal-proċess bin-numru 214/12AL.
[28] Ara fol. 68 tal-proċess bin-numru 216/12AL.
[29] *Ibid.* fol. 63.
[30] *Ibid.* fol. 67.
[31] Ara premessa numru 4 fir-rikors promotur tal-attur fil-proċess numru 216/12AL a fol 2.
[32] Ara paragrafu numru 2 tan-Nota Ġuramentata ta' FiG ive G B fil-proċess numru 216/12AL a fol 22.

fl-affidavit tiegħu, FiG sive G B donnu biddel il-ħsieb tiegħu għaliex iddikjara illi *"Jiena jidhirli li lil uliedi jien niehu hsiebhom sew u ghalhekk il-kura u kustodja ta' uliedi ghandha tkun f'idejja u f'idejn marti b'mod kongunt"*.[33] Madanakollu, l-attur tul il-kawża dejjem baqa' jsostni li huwa dejjem ħa ħsieb lil uliedu u ra li ma kien jonqoshom xejn.

Illi min-naħa l-oħra A B tiddikjara li l-kura u kustodja ta' uliedha għandha tibqa' f'idejha. Hija tal-fehma illi t-tfal huma *settled* u tħoss li jkun fl-interess tal-minuri li dawn jibqgħu jgħixu magħha ġialadarba skontha zewġha huwa aggressiv, vjolenti u mhux kapaċi jieħu ħsieb lil uliedu.[34] Fit-tieni affidavit tagħha, A B ssemmi diversi istanzi fejn tallega li zewġha kien ta' influwenza negattiva fuq il-minuri, fost oħrajn: (i) jipperswadi lit-tifla li ommha ma tħobbiex, (ii) jobzoq lil A quddiem il-minuri, (iii) jgħid lit-tfal sabiex jieklu u jixorbu u jobzqu l-istess fil-kċina, (iv) jagħaq lil minuri fil-gallarija jew ma jagħtihomx jieklu jekk ma jobdux.[35]

Illi minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[36] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[37], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze*

[33] Ara paragrafu numru 13 tal-Affidavit ta' FiG sive G B fil-proċess numru 214/12AL a fol 308.
[34] Ara Affidavit ta' A B fil-proċess numru 214/12AL a fol 13 u 14.
[35] Ara Affidavit ta' A B fil-proċess numru 214/12 a fol 349.
[36] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[38] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[39] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*.

Illi tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**[40] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[41] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi mill-31 ta' Ottubru 2011 sa llum-il ġurnata, il-minuri dejjem kienu taħt il-kura u kustodja tal-omm, fejn għexu u trabbew magħha filwaqt li l-missier kellu aċċess adegwat sabiex iqatta' ammont ta' ħin ma' uliedu. Dan it-tip ta' arranġament jidher li seħħ għaliex kien hemm xi forma ta' qbil bejn il-partijiet, liema qbil allegatament sar fil-prezenza tal-avukati tal-partijiet f'laqgħa li saret fil-15 ta' Novembru 2011.[42] Fil-fatt, il-Qorti stess kienet qablet permezz tad-digriet tagħha tal-20 ta' April 2012, illi fl-aħjar interess tal-minuri l-proposta tal-aċċess kienet waħda aċċettabli. Għaldaqstant, sa mill-2011, il-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx

---

[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.

[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

[40] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).

[41] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

[42] Ara Risposta ta' G sive G B għar-Rikors ipprezentat minn A B nhar it-22 ta' Marzu 2012, a fol 64 fil-proċess bin-numru 216/12AL.

li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri.

Għaldaqstant, fid-dawl tan-nuqqas ta' oġġezzjoni da parti l-missier li jafda l-kura u kustodja lil omm kemm lura fl-2012 u kif ukoll fil-proċeduri odjerni, u kif ukoll fin-nuqqas ta' provi li juru li l-ħajja li għixu u għadhom qegħdin jgħixu l-minuri taħt dik l-ordni mogħtija mill-Qorti fl-20 ta' April 2012 hija waħda li kienet u/jew qiegħda tippreġudikalhom id-drittijiet tagħhom, ikun fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' fdata lil A B u li jibqgħu jgħixu magħha. B'dana illi l-missier jibqalgħu d-dritt ta' aċċess adegwat, hekk kif ser jiġi spjegat segwentament, u li fir-rigward ta' dawk id-deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, dawn għandhom jittiehdu miz-zewġ partijiet b'mod konguntiv.

### *4.2. <u>Aċċess għal Minuri</u>*

Id-digriet tal-20 ta' April 2012 jistipula li l-aċċess *pendente lite* tal-missier għal uliedu kellu jkun kif isegwi:

a. *L-Erbgħa: Mill-5:00pm sat-8pm matul iz-zmien tal-iskola,*
   *Mill-5:00pm sad-9pm meta ma jkunx zmien l-iskola;*

b. *Ġimgħa waħda: Is-Sibt u l-Ħadd: Minn wara li r-raġel jispiċċa x-xogħol, is-Sibt sat-Tnejn filgħodu qabel l-iskola tat-tfal;*

   *Il-Ġimgħa ta' Wara: Mill-Ġimgħa minn wara li r-raġel jispiċċa x-xogħol sal-Ħadd filgħodu,*

   *U jibqgħu jalternaw kull ġimgħa;*

c. *Fil-festi tal-Milied, sena waħda t-tfal jgħaddu l-Milied ma' wieħed mill-ġenituri u l-Ewwel tas-Sena mal-ġenitur l-ieħor, u s-sena ta' wara bil-maqlub u jibqgħu jalternaw kull sena;*

d. *Fil-festi tal-Għid, skont kif jiftiehmu l-ġenituri;*

e. *Fis-sajf kull ġenitur ikollu d-drittli jzomm it-tfal miegħu/magħha b'mod uninterrott sa għaxart ijiem (mingħajr aċċess għal ġenitur l-*

> *ieħor) u jkun jista' ukoll isiefer lill-ulied miegħu/magħha. F'dawn il-kazijiet irid ikun hemm pre-avviz ta' xahrejn biex jagħti ċans lil ġenituri jorganizzaw is-sajf minn qabel.*

Tali aċċess huwa wieħed li joffri lil missier ħin bizzejjed sabiex ikun jista' jqatta' ħinu mal-minuri, u dan dejjem skont id-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tinsab konvinta li din ir-rutina ġiet inkorporata sew f'ħajjet il-minuri u dan fid-dawl tal-fatt li tali aċċess ilu jiġi ezerċitat għal dawn l-aħħar tmien snin.

Il-Qorti tosserva illi fir-rapport tal-Perit Legali jsir suġġeriment illi G sive G B għandu jkollu in addizzjoni aċċess ta' *weekend* sħiħ ta' darba fix-xahar bejn il-ġurnata tal-Ġimgħa u l-ġurnata tal-Ħadd u dan sabiex il-missier ikun jista' jippjana xi ħaġa fit-tul ma' uliedu, filwaqt li l-omm jkollha l-ħin tirriġenera lilha nnifisha. Ċertament li l-Qorti taqbel illi jkun fl-interess suprem tal-minuri li dawn iqattgħu kemm jista' jkun ħin mal-ġenituri tagħhom, madanakollu ma tistgħax ma tissottolinejax illi: (i) l-omm ipprezentat tlett rikorsi fil-mori tal-proċeduri sabiex l-missier ikollu lejl wieħed biss fil-ġimgħa ta' *sleepover* sabiex ikollha iktar ħin ma'uliedha, u (ii) il-missier lanqas biss jagħmel referenza għas-suġġeriment tal-Perit Legali tiegħu fin-nota ta' sottomissjonijiet u fit-trattazzjoni finali fejn juri x-xewqa tiegħu li dan għandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont taċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' interess tal-missier f'tali suġġeriment, u l-qbil bejn il-partijiet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi l-aċċess kif inhu fil-prezent għandu jibqa' *in vigore*, ikun għaqli u idoneju illi l-aċċess jibqa' kif ordnat mill-Qorti permezz tad-digriet tagħha ta' nhar il-20 ta' April 201 u ċjoe' hekk kif riprodott hawn fuq.

*4.3.* *<u>Manteniment lil Ulied il-Partijiet</u>*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fil-kaz odjern jirrizulta li G sive G B jaħdem ma' Sunroute Hotels Limited fuq bazi *full-time* u għandu introjtu gross fis-sena ta' €17,300 u kif ukoll jaħdem fuq bazi *part-time* bħala *electrician* għal rasu u għandu introjtu nett fis-sena ta' €4,898.30.[43] Fil-fehma tal-attur, il-manteniment għandu jibqa' €350 fix-xahar għaz-zewgt minuri kull erba' ġimgħat u dan oltre nofs l-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni.

Il-konvenuta taħdem bħala *sales representative* ma' Farsons plc fejn qiegħda fil-prezent taħdem fuq bazi *full-time* u għandha introjtu nett ta' ċirka €1,400 fix-xahar.[44] Fil-fehma tal-konvenuta, zewġha jaqla' paga iktar minnha mentri hi għandha paga limitata. Għaldaqstant tippretendi li huwa għandu jħallas il-manteniment u kif ukoll l-ispejjez edukattivi u dawk relatati mas-saħħa.

*Illi pendente lite,* il-manteniment huwa regolat bid-digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Frar 2012 fejn G sive G B huwa ordnat iħallas is-somma ta' €350 fix-xahar bħala manteniment għaz-zewġt uliedu. B'hekk kull wild jingħata s-somma ta' €175 kull xhar bħala manteniment.

Il-Qorti tosserva illi l-Perit Legali fir-rapport tagħha tirrileva illi "*Tenut kont li fl-umli opinjoni tal-esponenti A għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri b'dan li l-istess minuri ser jirrisjedu magħha, dan neċessarjament ifisser li l-istess A B qiegħda tikkontribwixxi għall-istess minuri mhux biss b'mod finanzjarju iżda ser tikkontribwixxi wkoll f'kull aspett ieħor relatat mal-istess minuri stante li l-ulied ser jgħixu mal-istess omm. Għalhekk abbażi ta' dan kollu, abbażi tal-pay-slips u provi relatati mal-introjtu tal-partijiet (speċjalment ta' G B li ser ikun hu li jħallas tali manteniment), abbażi tal-fatt li l-prassi preżenti kwantu għall-manteniment tal-minuri (meta ġenitur ikollu introjtu minimu jew anke mingħajr impjieg jew introjtu) huwa dak ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u*

[43] Ara fol. 327 u 318 tal-proċess numru 214/12AL.
[44] *Ibid.* fol. 465-467.

*edukazzjoni, l-esponenti umilment tħoss li l-manteniment għal kull wild għandu jkun dak ta' €250 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess ulied bil-preżentata ta' riċevuti"*.

Il-Qorti tevalwa li l-attur jirrileva fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi l-ammont iddikjarat mill-Perit Legali huwa wieħed eċċessiv. Għaldaqstant, fit-trattazzjoni finali tiegħu jissuġġerixxi illi *"forsi ssir zieda minhabba l-gholi tal-hajja ghax nahseb irridu nikkoncedu u din ilha li ġiet stabbilita u l-partijiet qatt ma kellhom diffikulta li jghixu bi tlett mija u hamsin fix-xahar, pero' l-ispejjez tal-edukazzjoni u saħħa jkunu nofs bin-nofs kif inhuma fid-digriet ukoll"*. Min-naħa l-oħra, l-konvenuta tirrileva fit-trattazzjoni tagħha illi *"fuq il-kwistjoni tal-manteniment, naqbel mal-kollega tieghi fir-rigward taz-zieda tal-gholi tal-hajja fis-sena (…) this is not a problem. (…) Għandu jizdied ftit il-manteniment biex it-tfal ikunu jistgħu jgħixu fti aħjar"*.

Illi mill-atti proċesswali jidher ċar ukoll illi l-konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont mogħti minn zewġha bħala manteniment izda tirrileva fl-affidavit tagħha illi hija tal-fehma li l-konvenut għandu jikkontribwixxi għall-affarijiet extrakurrikulari li jkollhom it-tfal. Il-Qorti tinnota ukoll, li fil-fehma tal-attur *"Jiena lil uliedi ma rrid incahhadhom minn xejn"* u *"l-inkwiet li ghandi hu li marti ma tuzax il-flus li ntiha sew u li xi kultant titraskura lil uliedna"*.[45]

B'hekk jidher ċar illi l-kwistjoni da parti l-attur li jħallas manteniment ftit għola mis-soltu, ma hijiex marbuta mal-fatt li l-ammont jaf ikun eċċessiv izda għax għandu d-dubbji tiegħu li martu mhux ħa tonfoq tali flus bil-għaqal fuq uliedhom. Huwa fil-fatt jallega li l-minuri ġieli marru għandu u t-tifel ikun bi ħwejjeġ ikbar minnu, filwaqt li t-tifla tkun b'zarbun imqatta'. Jallega ukoll illi fejn qabel l-intimata kienet tinqeda bit-tabib tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, issa qiegħda tinqeda b'tobba privati. Madanakollu, il-Qorti tinnota illi filwaqt li l-attur qatt ma ġab prova fir-rigward ta' dak allegat minnu, l-intimata ġabet prova ta' ċertifikati u riċetti tal-mediċina ta' tobba li jaħdmu mad-Dipartiment tal-Kura Primarja[46] sabiex tikkontradixxi l-verzjoni allegata mill-attur. In vista ta' dan, il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li l-konvenuta qatt naqset lil uliedha, traskurathom jew li uzat il-manteniment għal kapriċċi tagħha.

---

[45] *Ibid.* fol. 311, para. 24 u 25.
[46] *Ibid.* fol. 384-387.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-qbil bejn il-partijiet u kif ukoll li l-manteniment qatt ma għola skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, hija tordna lil attur u dan ġialadarba l-ulied ser ikomplu jabitaw ma' ommhom, iħallas lil intimata s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal C D u E F sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-intimata għan-nom tal-minuri. Illi l-manteniment għandu jitħallas direttament lill-ulied jekk jagħżlu li jgħixu għal rashom wara li jkunu għalqu t-tmintax-il sena.

## 5. It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar id-9 ta' Settembru 2001, hekk kif jixhed mill-Att taz-Zwieġ,[47] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### *5.1. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet, konjuġi B.

### *5.2. Elenku ta' dak kollu li Jifforma u li ma Jiffurmax fil-Komunjoni tal-Akkwisti*

Primarjament u dan qabel ma' l-Qorti tgħaddi għad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hija tirrileva illi fl-imsemmija divizjoni mhux ser tieħu konjizzjoni tas-segwenti assi stante li: (i) hemm nuqqas ta' provi fir-rigward

[47] Ara fol. 7 tal-proċess numru 216/12AL.

tagħhom, jew (ii) ġew dikjarati mill-partijiet li m'għadhomx jiffurmaw parti mill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti:

a. Polza *Comprehensive Flexi Plan L* bin-numru XX mal-MSV Life plc (ġja Middlesea Valletta Life Assurance Company Ltd) li tkopri liż-żewġ partijiet fis-somma ta' €84,173.32[48] stante li jirriżulta mill-atti li din issarrfet permezz ta' skrittura privata bejn il-partijiet f'Jannar tal-2013 u l-partijiet ħadu nofs kull wieħed[49];

b. L-investiment f'ARM Asset (Backed Securities f'isem iż-żewġ partijiet bil-valur ta' €58,997.25)[50] stante li jirriżulta mill-atti li tali investiment falla pero' l-partijiet tħallsu l-kapital b'dan li l-partijiet qasmu l-ammont bejniethom[51].

c. BOV *Lifelink Single Premium Plan* bin-numru XX maħruġa mill-Middlesea Valletta Life Ass. Co. Limited fuq il-ħajja ta' A B. L-intimata tispjega illi din kienet ingħalqet fl-2008 u meta ġiet imsarfa, l-istess ammont ġie ddepozitat fl-investiment ARM Asset hawn fuq imsemmi.[52] L-intimata tezebixxi zewġ cekkijiet sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, madanakollu tonqos milli tipproduci kopja tad-dokument fir-rigward ta' dan il-*Premium Plan*. Din il-verzjoni ma tiġix kontradetta mill-attur.

Fir-rigward ta' dawk l-assi li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti:

a. Il-kontijiet bankarji konġunti bejn il-partijiet, inkluz il-kont bankarju:[53]
   (i) 1080041XXX mal-Bank of Valletta plc,
   (ii) 40010963XXX mal-Bank of Valletta plc,
   (iii) 40011708XXX mal-Bank of Valletta plc, u
   (iv) 047-08188X-XXX mal-HSBC Bank Malta Plc.

[48] Ara fol. 22 u 134 tal-proċess numru 214/12AL.
[49] *Ibid.* fol. 339 u 340.
[50] *Ibid.* fol. 23, 187, 282-296.
[51] *Ibid.* xhieda in kontro-ezami ta' A B a fol. 453.
[52] *Ibid.* fol. 358.
[53] *Ibid.* fol. 144-178, 179-183, 184-186, 274-281.

b. Il-kontijiet bankarji ta' kull parti f'isimha, ġialadarba ma nġabet l-ebda prova li l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji ġejjin minn sorsi parafernali:[54]
   (i) 40011974XXX mal-Bank of Valletta plc fuq isem A B;
   (ii) 40017197XXX mal-Bank of Valletta plc fuq isem A B.

c. Il-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal minuri:[55]
   (i) 40017044XXX mal-Bank of Valletta plc, intiz għal E F,
   (ii) 40011910XXX mal-Bank of Valleta plc, intiz għal C D,
   (iii) 016-07535X-XXX mal-HSBC Bank Malta plc, intiz għal E F, u
   (iv) 047-08187X-XXX mal-HSBC Bank Malta plc, intiz għal C D.

d. Is-*savings plan* bir-referenza numru 100013XXX mal-HSBC Life li għalkemm huwa f'isem A B dan sar fiż-żwieġ *stante* li tali polza saret f'Ġunju 2005.[56] L-intimata tgħid illi dan is-*savings plan* sar għat-tfal pero' ma hemm l-ebda prova rigward dan.[57]

e. Investiment fil-*La Valette Euro Malta Money Fund* (RTL) bin-numru ta' reġistrazzjoni 181XXX, konsistenti f'ishma ta' 10,604.987 f'isem A B, liema ishma jammontaw għas-somma ta' €31,083.22.[58] Dan l-investiment sar fil-11 ta' Jannar 2011 u b'hekk jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

f. Il-van tal-marka Toyota li nxtara fis-sena 2001, liema van tħallas minn missier l-attur u fil-fatt kien anke' rreġistrat fuq isem missieru[59].

g. Il-vettura Toyota Ractis li nxtrat fis-sena 2009 għal prezz ta' €12,345. Għalkemm ma hemm l-ebda prova li juri li l-vettura nxtrat għal tali somma, il-Qorti tinnota li iz-zewġ partijiet jaqblu fuq l-ammont u b'hekk ma hemm l-ebda raġuni għaliex ma temminx tali verzjoni.[60]

---

[54] *Ibid.* fol. 138-143.
[55] *Ibid.* fol. 136, 137, 211-256, 257-273.
[56] *Ibid.* fol. 131.
[57] *Ibid.* fol. 358.
[58] *Ibid.* fol. 138 u 139.
[59] *Ibid.* fol. 336 u 337.
[60] *Ibid.* fol. 312 u 359.

h. Il-garaxx li nxtara fis-17 ta' Mejju tas-sena 2004 permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar John Farrugia.[61] Skont stima tal-Perit Edric Micallef mħejjija f'Settembru 2012 dan il-garaxx kellu għandu valur ta' madwar €35,000.[62]

i. Depozitu fir-Reġistru tal-Qorti li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet li ġew depozitati xi ammonti fir-Reġistru tal-Qorti, ħadd minnhom ma ressaq provi dwar iċ-ċifra li ġiet depozitata. Madanakollu l-Qorti tosserva illi mill-*istatements* bankarji ezebiti jidher li minn tal-inqas ġiet depozitata ċ-ċifra ta' €10,382.66 u dawn mill-kontijiet bankarji intizi jew intestati għal minuri.

j. Il-flus kollha li kienu f'idejn il-partijiet fil-perjodu bejn l-aħħar ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru, liema somma fil-fehma tal-Qorti hija dik ta' €19,360 għand G sive G B[63] u €1,000 għand A B.[64] L-attur jallega li martu kellha iktar flus f'idejha, madanakollu huwa ma ressaq l-ebda prova rigward li din ħadet il-flus mill-envelop hekk kif allega hu. Għaldaqstant, il-Qorti setgħet tibbaza l-konkluzjoni tagħha fuq l-ammissjoni ta' A B li hija ġibdet minn kont bankarju s-somma ta' €1,000 sabiex tgħix hi u l-minuri.

### *5.3. Allegat Dejn bejn il-Partijiet u l-Familjari tagħhom*

Allegat dejn dovut lil G sive G B:[65]

a. Is-somma ta' €13,510 (LM5,801), liema somma huwa kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu meta zzewweġ lil A B. Il-Qorti tevalwa li l-attur irnexxielu jipprova permezz ta' dokumenti bankarji li mal-mument li huwa zzewweġ, huwa kellu bħala flus parafernali s-somma ta' ċirka LM3,567.66 (€8,310.42).[66] Madanakollu, il-Qorti tevalwa li fl-istess waqt huwa jonqos milli jispjega u jipprova jekk tali flus parafernali intuzawx dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 1331 sub-inciz 2 tal-Kodiċi Ċivili.

---

[61] *Ibid.* fol. 341.
[62] Ara fol. 38 tal-proċess numru 216/12AL.
[63] Ara fol. 427, 428 u 433 tal-proċess numru 214/12AL.
[64] *Ibid.* fol. 352.
[65] *Ibid.* fol. 311.
[66] *Ibid.* fol. 329-331 u 422-425.

b. Is-somma ta' €750 li hija l-valur tal-karozza Maruti 800 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni AAN-178, li kienet proprjeta' parafernali ta' G sive G izda inbiegħet waqt iz-zwieġ. Il-Qorti tinnota li l-intimata tikkonferma l-verzjoni tal-attur, madanakollu tkompli billi tispjega illi r-rikavat tal-karozza ntuza bħala *deposit* fuq safra.[67] L-attur qatt ma kkontesta l-verzjoni sussegwenti tal-intimata. Għaldaqstant, il-Qorti tispjega illi *dato ma non concesso* illi r-rikavat tal-vettura intuza proprju kif ġie spjegat mill-intimata, tali flus parafernali xorta waħda ma jistgħux jiġu rkuprati għaliex ma ntuzawx għal dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti u dan abbazi tal-Artikolu 1331 sub-inċiz 2 tal-istess Kodiċi. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti stess fis-sentenza fl-ismjiet **Fiona Caruana vs Albert Caruana**.[68]

c. Is-somma ta' €15,688 (LM6,734.82) li ġiet mogħtija b'donazzjoni lilu minn ommu Q B izda li ġiet investita f'Polza *Comprehensive Flexi Plan L* bin-numru FP434015. Mill-atti jirrizulta ċar illi omm l-attur tat donazzjoni lil binha u martu. Il-Qorti taqbel mar-raġunar tal-Perit Legali illi ma hemm xejn li juri li d-donazzjoni ta' Q B kienet intiza biss għal binha, tant illi dan jiġi kkonfermat mid-dokumenti ezebiti u mix-xhieda tal-attur innifsu.[69] L-intenzjoni kienet waħda ċara, u ċjoe' li l-partijiet juzaw il-flus mogħtija lilhom permezz ta' donazzjoni sabiex jinvestuhom f'isimhom it-tnejn.

d. Is-somma ta' €20,964 (LM9,000) li ġiet mogħtija b'donazzjoni lilu minn missieru, b'liema somma tħallset il-vettura Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DEL-026. Mill-atti jirrizulta ċar illi din il-vettura tħallset minn missier l-attur permezz ta' zewġ ċekkijiet, liema van oriġinarjament kien ukoll f'isem missier l-attur.

<u>Allegat dejn dovut lil A B:</u>[70]

a. Is-somma ta' €2,300 (LM1,000) lil A B, liema somma hija kellha fil-kont tal-bank meta zzewġet lil G sive G B. Mill-atti ma jirrizulta l-ebda

[67] Ara fol. 357 tal-proċess numru 214/12AL.
[68] Deċiza nhar id-9 ta' Lulju 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja (Rik. Nru. 294/08RGM).
[69] Ara fol 311, 332-335 tal-proċess numru 214/12AL.
[70] *Ibid.* fol. 359 u 360.

prova rigward dan. Fil-fatt l-intimata stess tikkonferma illi ma kellhiex mezz ta' kif iġġib dokument mill-bank sabiex tistabillixxi tali ammont.[71]

b. Is-somma ta' €4,658.75 (LM2,000) lil A B, liema somma tħallset fuq id-dar matrimonjali fil-bidu taz-zwieġ. Mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova li tikkorrabora l-allegazzjoni tal-konvenuta. Anzi a kuntrarju ta' dak li ġie allegat minnha, il-kuntratt ta' xiri tal-proprjeta' parafernali tal-attur, liema proprjeta' konsegwentament serviet bħala d-dar matrimonjali tal-mizzewġin, jistabbilixxi illi l-prezz tħallas fl-intier tiegħu mill-attur dakinhar tal-kuntratt u fil-fatt hemm indikat ukoll illi ngħatat lilu d-debita riċevuta tal-ħlas li huwa għamel.[72]

c. Donazzjoni minn għand il-ġenituri ta' A B għall-ammont ta' €29,000. Dan l-ammont ingħata b'donazzjoni sabiex isir it-tieġ u l-*engagement*. Mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova illi tali ammont ġie misluf lil partijiet, hekk kif donnu jagħti x'jifhem missier l-intimata fl-affidavit tiegħu, u wisq anqas li fil-verita' tħallset is-somma ta' €29,000 da parti H I sabiex sar it-tieġ u l-engagement.

d. Donazzjoni minn għand missier A B għall-ammont ta' €14,000. Dan l-ammont ingħata b'donazzjoni sabiex nxtrat l-għamara tal-kamra tas-sodda, il-kċina u l-fil tad-dar. Missier l-intimata jispjega li dawn il-flus huwa tahom lil bintu qabel iz-zwieġ. Min-naħa l-oħra l-attur jispjega illi l-kamra tas-sodda u l-kċina kienu xtrawhom qabel iz-zwieġ, fejn hu kien ħallas sehemu filwaqt li sehem martu kien ħallsu missierha. Il-Qorti tinnota li ma hemm l-ebda forma ta' prova rigward din is-somma.

e. Il-kamra tat-tifla u l-kamra tal-ikel inxtraw minn missier A B wara z-zwieġ. Missier A B jispjega illi għal din l-għamara huwa nefaq ċirka €2,700, madanakollu ma jiftakarx kif ħallas l-istess ammont u li ma għandux irċevuta għaliex skontu l-probabilita' hi li din qiegħda għand il-partijiet. Fir-rigward ta' tali somma, il-Qorti ukoll tosserva li mill-

[71] *Ibid.* fol. 454.
[72] *Ibid.* fol. 345.

ġdid hemm nuqqas ta' korraborazzjoni permezz ta' provi dokumentarji.

f. Kamra tat-tifel li kienet wirt minn għand in-nannu patern ta' A B, liema kamra tas-sodda ġiet imsewwija minn missier A versu l-prezz ta' €600. Fir-rigward ta' dan, il-Qorti terġa' tinnota li għal darb'oħra ma hemm l-ebda prova dokumentarja li tikkonstata l-istess.

g. Donazzjoni minn għand in-nanna ta' A B għall-ammont ta' €6,748.90. Dan l-ammont intuza sabiex nxtraw is-salott, l-ensuite u l-*aircondition*. Fir-rigward tas-salott u l-*ensuite*, il-konvenuta tgħid li dawn kienu nxtraw għal prezz ta' €5,000. Il-Qorti tosserva li għalkemm ma hemm l-ebda prova dokumentarja li tikkorrabora l-istess, l-attur jikkonferma illi dawn kienu mixtrija minn martu bil-għajnuna ta' nannitha u ma jikkontestax li dawn ġew mixtrija versu s-somma allegata.[73] Fir-rigward tal-*airconditioner*, l-intimata tipprezenta *invoice* li turi li dan inxtara għal prezz ta' LM750.80 (€1,748.90) izda din l-*invoice* tgħajjat lil G sive G B.[74] Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tall-Perit Legali li ġialadarba l-*invoice* tgħajjat lil attur, huwa inverosimili li n-nanna tal-intimata ħallset l-imsemmi *aircondition* meta lanqas biss tezisti prova li turi li n-nanna kienet b'xi mod involuta fil-ħlas ta' l-istess *aircondition*.

h. Mobbli fid-dar li jinkludu fajjenza, *stained glass*, għamara oħra, appliances, HI FI, purtieri, linef, għodda fil-garaxx u stock peress li G sive G jaħdem part-time *electrician*, liema mobbli jammontaw għas-somma ta' ċirka €7,000. L-konvenuta hija tal-fehma illi għandha d-dritt li tieħu nofs il-valur in kwistjoni. Madanakollu fir-rigward tal-għodda ta' zewġha hija tikkontendi illi hemm parti minnha li kienet nxtrat minn G qabel iz-zwieġ, parti oħra li kienet inxtrat fiz-zwieġ, u xi wħud mill-għodda nxtrat mill-flus tal-*engagement*. Il-Qorti mill-ġdid tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali illi jekk tali mobbli ser jibqgħu fid-dar matrimonjali u li fiha ser ikompli jirrisjedi G B, għaldaqstant A B għandha tingħata nofs il-valur tal-istess. Mill-atti ma jidhirx li hemm il-ħsieb li l-mobbli jinbiegħu, għaliex kieku dan

[73] *Ibid.* fol. 313.
[74] *Ibid.* fol. 411 u 451.

ikun il-kaz il-partijiet għandhom jaqsmu r-rikavat ugwalment bejniethom. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-għodda, il-Qorti mill-ġdid taqbel mal-Perit Legali.

Allegat dejn dovut lil R B:[75]

a. Is-somma ta' €27,952.52 (LM12,000) liema somma ingħatat taħt il-pretest ta' self lil partijiet u dan skont l-iskrittura privata datata 17 ta' Mejju 2004.[76] Permezz tal-iskrittura privata, huwa kkristallizzat illi s-somma in kwistjoni ġiet mislufa lil partijiet. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni da parti l-mizzewġin illi dan is-self tħallas lura lil R B.

Allegat dejn dovut lil H I:[77]

a. Is-somma ta' €10,000 f'manteniment lil minuri u dan għaliex sa minn mindu twieldu t-tfal sal-ġurnata li l-partijiet infirdu, hu u martu dejjem ħadu ħsieb lil minuri waqt li l-partijiet kienu jkunu xogħol. Il-Qorti tinsab perplessa b'dan l-allegat dejn, liema huwa wieħed kontradittorju meta wieħed jieħu konjizzjoni tax-xiehda in kontro ezami ta' H I.[78] Dan tal-aħħar spjega illi meta hu flimkien ma' martu kienu jieħdu ħsieb lin-naputijiet tagħhom, dawn kienu qegħdin sempliċiment jaġixxu ta' nanniet. Għaldaqstant, il-Qorti b'mod retoriku tistaqsi, jekk H I u martu bħala n-nanniet materni kienu verament qegħdin jaġixxu ta' nanniet u qatt ma ppretendew xejn minn ulied l-unika bint tagħhom, għaliex issa qegħdin jippretendu li jitħallsu lura dan l-ammont? Dan l-allegat dejn ma ġiex minimament pruvat sal-grad rikjest mil-liġi.

b. Is-somma ta' €3,500 li jirrapprezentaw affarijiet tad-dota. Għal darb' oħra l-Qorti tinnota li għajr għat-testimonjanza ta' H I ma hemm l-ebda prova dokumentarja f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tosserva li bħal bintu, H I jallega illi huwa għandu jitħallas: (i) is-somma ta' €29,000 li ngħatat lil partijiet sabiex isir it-tieġ u l-*engagement*, (ii) is-somma ta' €14,000 li ngħatat lil A B sabiex tinxtara l-għamara ral-kamra tas-sodda, kċina u jsir il-fil tad-dar, (iii) is-somma ta' €2,700 li

[75] *Ibid.* fol. 312.
[76] *Ibid.* fol. 338.
[77] *Ibid.* fol. 413 u 414.
[78] *Ibid.* fol. 458-459.

ntefqet minnu sabiex xtara l-kamra tat-tifla u l-kamra tal-ikel, u dan wara z-zwieġ, u (iv) €600 li nefaq sabiex irranġa l-kamra tat-tifel li għaddiet għand A B permezz ta' wirt minn għand in-nannu patern tagħha. Għaldaqstant u dan a skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti tirrileva illi l-osservazzjonijiet tagħha fuq dawn il-kwistjonijiet fit-Taqsima *'Allegat Dejn Dovut lil A B'* għandhom japplikaw f'din it-taqsima ukoll.

## 5.4. *Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u Assenjazzjoni tal-Porzjonijiet*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha u tas-suġġerimenti tal-Perit Legali fir-rigward tad-divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet lil partijiet, hija waslet għal konkluzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi diviza bejn il-partijiet u assenjata f'porzjonijiet lilhom skont is-segwenti:

Porzjon Assenjat lil G sive G B:

a. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt f'isem il-partijiet;

b. Nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, ad eskluzjoni ta dawk relatati jew abbinati mal-minuri, liema ammont kien hekk stabbilit sal-31 ta' Ottubru 2011;

c. Kull ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem G sive G B, ad eskluzjoni ta' dawk relatati jew abbinati mal-minuri, liema ammont jirrizulta wara l-31 ta' Ottubru 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

d. Nofs l-ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem A B, ad eskluzjoni ta' dawk relatati jew abbinati mal-minuri, liema ammont jirrizulta wara l-31 ta' Ottubru 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

e. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b'dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali;

f. Nofs l-ammont depożitat il-Qorti wara l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 274/2011;

g. Nofs sehem mill-investiment fil-*La Valette Euro Malta Money Fund* (RTL) bin-numru ta' referenza 181576 konsistenti f'10,604.970 ishma;

h. Il-polza t'assigurazzjoni mal-MSV Life bil-polza numru 9307 f'isem G B;

i. Nofs l-ammont *on maturity* f'kaz li l-intimata tħalli l-polza timmatura sa Ġunju 2025 jew nofs is-*surrender value* f'kaz li l-intimata tagħzel li twaqqaf il-polza, liema ammont jirrapprezenta sehem G sive G B mis-*Savings Plan* mal-HSBC Life bin-numru ta' referenza 100013XXX, liema *Savings Plan* qiegħed jiġi assenjat lil A B;

j. Nofs sehem indiviż mir-rikavat tal-garaxx bin-numru 3 f'16 Triq Cadeo Marsaxlokk, b'dan illi tali garaxx għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet;

k. L-għodda kollha relatata max-xogħol ta' *electrician* li jagħmel G B;

l. Il-vettura tat-tip van tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni DEL-026;

m. Is-somma ta' €5,570.68 li għandha titħallas bħala sehemu mill-vettura Toyota Ractis;

n. Nofs sehem mill-mobbli li jinsab fid-dar ġja matrimonjali, ad eskluzjoni ta' dawk il-mobbli li huma diġa' msemmija fit-Taqsima '*Allegat Dejn Dovut lil A B',* fejn jissimmew b'mod partikolari fajjenza,

*stained glass*, għamara oħra, appliances, HI FI, purtieri, linef, għodda u stock li jammontaw għal €7,000.

o. Dejn ta' €13,976.26 ekwivalenti għal Lm6,000 dovut lill-ġenituri ta' G sive G B ai termini tal-skrittura privata tas-17 ta' Mejju 2004;

p. Dejn ta' €2,500 dovut lil A B għas-salott u l-*ensuite*;

q. Dejn ta' €3,000 dovut lil A B bħala sehmha mill-mobbli elenkati minnha u ċjoe' fajjenza, *stained glass*, għamara oħra, appliances, HI FI, purtieri, linef u stock, b'eskluzjoni għall-għodda li ġiet assenjata lil attur;

r. Dejn ta' €9,180 dovut lil A bħala sehemha mill-ammont kumplessiv ta' €19,636 li ġibed G sive G B mill-kontijiet konġunti tal-partijiet nhar l-1 ta' Novembru.

s. Dejn ta' €3,494.05 lil A B rapprezentanti sehemha mill-ħlas tal-Polza t'Assigurazzjoni f'isem G B mal-MSV Life kwantu għall-ħlasijiet li saru mid-9 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Ottubru 2011 u ċjoe' d-data meta A B ġiet debitata r-responsabbilita' tat-tkissir taz-zwieġ. Ġialadarba l-premium ta' tali polza huwa dak ta' €698.81 fis-sena u stante li l-partijiet iżżewġu f'Settembru 2001, allura A B għandha tingħata kwantu għal nofs il-valur tal-premium li tħallas fiż-żwieġ u ċioe' nofs il-premium ta' għaxar snin li jammonta għal tali somma.

<u>Porzjon Assenjat lil A B:</u>

a. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt f'isem il-partijiet;

b. Nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, ad eskluzjoni ta' dawk relatati jew abbinati mal-minuri, liema ammont kien hekk stabbilit sal-31 ta' Ottubru 2011;

c. Nofs l-ammont ta' dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isem A B, ad eskluzjoni ta' dawk relatati jew abbinati mal-minuri, liema ammont

jirrizulta wara l-31 ta’ Ottubru 2011 sal-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

d. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b’dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b’mod ugwali;

e. Nofs l-ammont depożitat il-Qorti wara l-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru numru 274/2011;

f. Nofs sehem mill-investiment fil-*La Valette Euro Malta Money Fund* (RTL) bin-numru ta’ referenza 181576 konsistenti f’10,604.970 ishma;

g. Is-*Savings Plan* mal-HSBC Life bin-numru ta’ referenza 100013455 f’isem A B;

h. Is-somma ta’ €9,180 rappreżentanti sehemha mill-ammont kumplessiv ta’ €19,636 li ġibed G sive G B mill-kontijiet konġunti tal-partijiet nhar l-1 ta’ Novembru 2011;

i. Is-somma ta’ €3,494.05 rapprezentanti sehmha mill-ħlas tal-Polza t’Assigurazzjoni f’isem G B mal-MSV Life kwantu għall-ħlasijiet li saru fiż-żwieġ sa mid-9 ta’ Settembru 2001 sal-31 ta’ Ottubru 2011 u ċjoe’ d-data meta A B ġiet debitata r-responsabbilita’ tat-tkissir taz-zwieġ. Ġialadarba l-*premium* ta’ tali polza huwa dak ta’ €698.81 fis-sena u *stante* li l-partijiet iżżewġu f’Settembru 2001, allura A B għandha tingħata kwantu għal nofs il-valur tal-*premium* li tħallas fiż-żwieġ u ċioe’ nofs il-*premium* ta’ għaxar snin li jammonta għal €3,494.05;

j. Is-somma ta’ €3,000 dovuta lil A B bħala sehemha mill-mobbli elenkati minnha u ċjoe’ fajjenza, *stained glass*, għamara oħra, appliances, HI FI, purtieri, linef u stock, b’eskluzjoni għall-għodda li ġiet assenjata lil attur;

k. Is-somma ta’ €2,500 dovuta lil A B għas-salott u l-*ensuite*;

l. Nofs sehem indiviż mir-rikavat tal-garaxx bin-numru 3 f’16 Triq Cadeo Marsaxlokk, b’dan illi tali garaxx għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta’ average ta’ valutazzjoni ta’ 3 estate agents li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b’dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet;

m. Il-vettura tat-tip Toyota Ractis;

n. Nofs sehem mill-mobbli li jinsab fid-dar ġja matrimonjali, ad eskluzjoni ta’ dawk il-mobbli li huma diġa’ msemmija fit-Taqsima ‘*Allegat Dejn Dovut lil A B’,* fejn jissimmew b’mod partikolari fajjenza, *stained glass*, għamara oħra, appliances, HI FI, purtieri, linef, għodda u stock li jammontaw għal €7,000.

o. Dejn ta’ €13,976.26 ekwivalenti għal Lm6,000 dovut lill-ġenituri ta’ G sive G B ai termini tal-skrittura privata tas-17 ta’ Mejju 2004;

p. Dejn ta’ €5,570.68 lil G sive G B, rapprezetanti sehem l-attur mill-vettura Toyota Ractis;

q. Dejn lil G sive G B li jammonta għal nofs l-ammont *on maturity* f’kaz li l-intimata tħalli l-polza timmatura sa Ġunju 2025 jew nofs is-*surrender value* f’kaz li l-intimata tagħzel li twaqqaf il-polza, liema ammont jirrapprezenta sehem G sive G B mis-*Savings Plan* mal-HSBC Life bin-numru ta’ referenza 100013455, liema Savings Plan qiegħed jiġi assenjat lil A B;

### 6. Il-Beni Parafernali

Il-Qorti tinnota li l-attur ma ddikjarax liema huma dawk il-beni li huma parafernali u li qiegħed jistenna li jiġu riturnati lura fil-pussess tiegħu.

Madanakollu, l-Qorti tosserva mill-atti proċesswali illi l-attur kien akkwista fond u ċjoe' XX, X Flats, Appartament numru X, Triq X, Marsaxlokk permezz ta' kuntratt pubbliku nhar is-26 ta' April 1996. Dan il-fond serva bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet sa mid-data taz-zwieġ sal-jum li fih il-konvenuta telqet mill-istess dar, ċjoe' mid-9 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Ottubru 2011. Il-konvenuta ma tikkontestax illi din hija proprjeta' parafernali tal-attur.

Magħdud mal-premess, l-attur jindika ukoll li jippretendi illi jiġu rritornati lilu s-somma parafernali ta' €13,510 (LM5,801), li huwa kellu fil-kontijiet bankarji tiegħu meta zzewweġ lil A B u kif ukoll is-somma ta' €750 li hija l-valur tal-karozza Maruti 800 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni AAN-178, li kienet proprjeta' parafernali ta' G sive G izda inbiegħet waqt iz-zwieġ. Il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li tesprimi l-osservazzjonijiet tagħha rigward dawn iz-zewġ kwistjonijiet. Madanakollu hija tirrileva illi ġialadarba l-attur ma ġabx prova l-prova rikjesta bil-liġi illi tali flus ġew minfuqha minnu għal dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa ma jistgħax jirpura tali flus. Referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet **Fiona Caruana vs Albert Caruana**,[79] fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti ghalhekk ghandha tezamina il-provi li ghandha quddiemha fid-dawl tal-artikolu 1331 fuq citat li jistipula illi parti fiz-zwieg ghandha dritt ghall-flus lura jekk dawn kienu parafernali u "**meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti**." Jekk per ezempju **jintuzaw biex imorru safra**, kif ghamlet l-attrici bil-flus parafernali taghha, jew biex jinxtara l-ikel ghall-familja, **allura tali flus parafernali ma humiex rekuperabbli**. Ix-xiri tad-dar huwa indubjament investiment ghaliex ilvalur ta' dar normalment jizdied maz-zmien (…) Fir-rigward ta' din il-pretensjoni tal-konvenut gharrifuzzjoni tal-ammonti kollha li huwa wiret minghand missieru il-Qorti tirrileva illi l-**konvenut ma ressaq l-ebda prova dokumentarja li turi movimenti ta' kapital fil-kontijiet bankarji tieghu biex juri il-perkors tal-flus minn sorsi parafernali ghall-proprjeta' tal-komunjoni**".*

Għaldaqstant fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward ta' proprjeta' parafernali, l-attur huwa l-uniku s-sid tal-fond 141, Carmela

[79] Deċiza nhar id-9 ta' Lulju 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja (Rik. Nru. 294/08RGM).

Flats, Appartament numru 1, Triq Melqart, Marsaxlokk u b'hekk din għandha tibqa' fil-pussess assoluta tiegħu.

7. **Id-Dar Matrimonjali**

Huwa ppruvat permezz ta' kuntratt pubbliku datat 23 ta' April 1996, illi d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ċjoe' l-fond XX, X Flats, Appartament numru X, Triq X, Marsaxlokk huwa proprjeta' parafernali ta' G sive G B. Dan il-fatt mhux kontestat.

Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta m'għandha l-ebda xewqa jew ħtieġa illi tmur lura tirrisjedi fl-imsemmi fond wara kwazi għaxar (10) snin nieqsa minnu u dan wara li hi stess telqet minn rajha nhar il-31 ta' Ottubru 2011 wara l-episodju tat-telefon ċellulari. Għaldaqstant il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-imsemmi fond m'għandux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, ma tarax għalfejn m'għandhiex tagħti d-dritt esklussiv u tawtorizza lil G sive G B sabiex jibqa' jgħix fil-fond personali tiegħu hawn fuq imsemmi, u dan ad eskluzjoni tal-intimata.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet bi ħtijiet ta' adulterju u inġurji gravi, imputabbli unikament lill-intimata;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tistabbilixxi d-data tal-31 ta' Ottubru 2011 bħala d-data meta A B saret ħatja għat-tifrik taz-zwieġ u l-firda bejn il-partijiet, u ċjoe' id-data meta telqet mid-dar matrimonjali wara episodju partikolari bejn l-istess partijiet;

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi fir-rigward tal-kura u kustodja ta' C D u E F, aħwa B u dan billi tħalli l-istess f'idejn l-intimata, izda fir-rigward ta' dawk id-deċizjonijiet relatati mas-saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, il-Qorti tordna li dawn għandhom jiġu deċizi mill-partijiet

b'mod konġunt; tordna ukoll illi l- l-minuri jkollhom aċċess versu l-attur, liema aċċess għandu jkun hekk:

a. *L-Erbgħa: Mill-5:00pm sat-8pm matul iz-zmien tal-iskola,*
   *Mill-5:00pm sad-9pm meta ma jkunx zmien l-iskola;*

b. *Ġimgħa waħda: Is-Sibt u l-Ħadd: Minn wara li r-raġel jispiċċa x-xogħol, is-Sibt sat-Tnejn filgħodu qabel l-iskola tat-tfal;*

   *Il-Ġimgħa ta' Wara: Mill-Ġimgħa minn wara li r-raġel jispiċċa x-xogħol sal-Ħadd filgħodu,*

   *U jibqgħu jalternaw kull ġimgħa;*

c. *Fil-festi tal-Milied, sena waħda t-tfal jgħaddu l-Milied ma' wieħed mill-ġenituri u l-Ewwel tas-Sena mal-ġenitur l-ieħor, u s-sena ta' wara bil-maqlub u jibqgħu jalternaw kull sena;*

d. *Fil-festi tal-Għid, skont kif jiftiehmu l-ġenituri;*

e. *Fis-sajf kull ġenitur ikollu d-drittli jzomm it-tfal miegħu/magħha b'mod uninterrott sa għaxart ijiem (mingħajr aċċess għal ġenitur l-ieħor) u jkun jista' ukoll isiefer lill-ulied miegħu/magħha. F'dawn il-kazijiet irid ikun hemm pre-avviz ta' xahrejn biex jagħti ċans lil ġenituri jorganizzaw is-sajf minn qabel.*

4. Tilqa' ir-raba' talba attriċi u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sa llum eżistenti bejn il-partijiet;

5. Tilqa' l-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi, u tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*, filwaqt li tordna lil intimata sabiex tirristitwixxi dak dovut lil attur fi zmien xahar mid-data tgħaddi in ġudikat;

6. Tilqa' d-disa' talba attriċi u tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

7. Tiċħad l-għaxar talba attriċi u tordna lil attur, ġialadarba l-ulied ser ikomplu jabitaw ma' ommhom, iħallas lil intimata s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat għal kull wild bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-attur. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal C D u E F sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li ulied il-partijiet jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm item l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-intimata għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

8. Tilqa' l-ħdax il-talba attriċi u tiddikjara li l-attur għandu d-dritt esklussiv illi jirrisjedi fil-fond XX, Carmela X, appartament numru X, Triq X, Marsaxlokk, liema proprjeta' hija dik parafernali tiegħu.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati kollha mill-konvenuta.